

31992R1776

L 182/27

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.7.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1776/92**tat-30 ta' Ġunju 1992****rigward il-ħażna ta' prodotti taċ-ċereali u ross fl-imħażen tad-dwana qabel l-esportazzjoni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 t'Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ⁽¹⁾, kif ġie l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 674/92 ⁽²⁾, u b'mod speċjali l-Artikolu 16(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ⁽³⁾, kif ġie l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 674/92, u b'mod speċjali l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2503/88 tal-25 ta' Lulju 1988 dwar l-imħażen tad-dwana ⁽⁴⁾, u b'mod speċjali l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi ċ-ċaqliq ta' prodotti miżmuma fl-imħażen tad-dwana huwa ristrett għal ċerti operazzjonijiet standard imsemmija fl-Artikolu 28(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 ⁽⁵⁾; billi kull tip ta' ċaqliq ieħor permess, irid ikun awtorizzat bil-miftuħ f'kull settur fejn hu aċċettat;

Billi biex isiru użu aħjar tal-wisa' eżistenti fil-maħżen, fil-każ ta' ċerti prodotti taċ-ċereali u tar-ross, jistgħu jinħażnu iżjed minn kunsinna waħda fl-istess silo jew maħżen dejjem jekk il-kunsinni huma ta' l-istess sottotitolu tan-nomenklatura tar-rifużjoni;

Billi sabiex iċ-ċereali jkunu identifikati sew minn meta jsir l-intervent, dawn iċ-ċereali m'għandhomx jitħallew jinħażnu ma daww iċ-ċereali tal-Komunità li ġejjin minn suq ħieles;

Billi l-miżuri li jkopri dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(a), (b) u (c) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75, prodotti bil-Kodiċi NM 1102 u 1107 u prodotti elenkati fl-Artikolu 1(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 li huma maħżuna b'ammonti kbar skond il-proċeduri tal-ħażna tad-dwana jew taż-żona ħieles għal skop ta' pagament tar-rifużjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ⁽⁶⁾ jistgħu, flimkien mall-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 28(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, ikunu mħallta fl-istess maħżen flimkien ma' prodotti oħra bl-istess sottotitolu tan-nomenklatura tar-rifużjoni u bl-istess karatteristiċi tekniċi li wkoll jaqblu mall-ħtiġijiet biex tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni u li huma wkoll skond ir-Regolament (KEE) Nru 3665/87 jew il-proċedura tar-Regolament (KEE) Nru 565/80.

Prodotti li ġew mill-intervent jistgħu, ikunu, maħżuna flimkien ma' prodotti oħra biss li ġew mill-intervent.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jibda jgħodd mill-1 ta' Lulju 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Ġunju 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 73, tad-19.3.1992, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 225, tal-15.8.1988, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.